MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 59/2007

**A**

**-vs-**

**Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta’ Frar, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi fid-19 ta’ Ġunju tas-sena 1999 ġie ċċelebrat iż-żwieġ bejn A u B, fir-reġistru ta’ żwieġ, il-Belt Valletta, liema żwieġ ġie reġistrat fir-reġistru pubbliku permezz ta’ l-att taż-żwieġ numru ________, hawn anness bħala Dok. IC1;

2. Illi l-ħajja konjugali ġiet *resa* impossibbli minħabba vjolenza, sevizzi gravi, inġurji u moħqrija kommessi da parti tal-konvenuta u inkompatibbilta' ta' karattru;

3. Illi miż-żwieġ twieldet tifla *ossia* C ta' sitt snin;

4. Illi l-esponenti ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat __ (*sic*) ta' Ottubru, 2006 bin-numru 1174/06 hawn anness bħala Dok. IC2;

Tgħid il-konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Takkorda lill-attur il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri C.

3. Tiffissa retta alimentari pagabbli bħala manteniment mill-konvenuta lill-attur għat-tifla tagħha minuri.

4. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-Artiklu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina perit nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-konvenut f'każ ta' bżonn.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li huwa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati _____________ *(omissis)*, ppreżentata fis-27 ta' April, 2007, li permezz tagħha esponew:

1. Illi l-eċċipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu r-risposta tagħhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw ma' l-assenti konvenuta;

2. Illi għal dan l-iskop reġgħu kitbu lill-avukat ta' l-attur biex sabiex jingħataw kull informazzjoni nkluż indirizz ta' l-assenti konvenuta wara li l-indirizz mogħti mill-attur ma kienx tajjeb billi l-ittra ġiet lura bin-notament "mhux magħruf";

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuratur deputat, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

1. Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero' b'tortijiet imputabbli unikament lill-attriċi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u li dwarhom l-esponent qed jiddeduċi talbiet opportuni f'kontro-talba hawn annessa. Għalhekk it-talbiet attriċi in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjent għall-ksur tal-ħajja miżżewġa huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, il-kura u kustodja effettiva tat-tifla minuri C tinsab f'idejn il-konvenuta assenti, u *gialadarba* l-minuri hija ċittadina Ukrena, hija tinsab taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-awtoritajiet Ukreni. Illi jkun ukoll fl-aħjar interess tat-tifla minuri li tibqa' fil-kura u kustodja effettiva tal-konvenuta assenti kif ilha hekk minn mindu twieldet;

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, din m’għandhiex tintlaqa’, anzi għandu l-attur iħallas manteniment lil martu u lil bintu minuri;

4. Illi r-raba’ talba m’għandhiex tintlaqa’ u għandha tiġi miċħuda, u anzi hu kontra l-attur li għandhom jiġu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 48 *et seq* tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5. Illi hemm qbil fuq il-ħames talba bl-eċċezzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija fir-raba’ talba li għandhom jiġu applikati kontra l-attur;

6. Illi hemm qbil fuq is-sitt talba ta’ l-attur;

7. Illi l-eċċipjenti assenti m’għandha tbati ebda spejjeż *stante* li huwa l-attur li huwa ħati tal-firda u rrenda l-ħajja konjugali impossibbli;

8. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kontra l-attur A inġunt in subizzjoni.

Rat il-kontro-talba tal-kuratur deputat li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fid-19 ta’ Ġunju, 1999 u minn dan iż-żwieġ huma għandhom tifla ta’ seba’ snin, C.

2. Illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-ħajja matrimonjali ta’ bejniethom saret impossibbli minħabba adulterju u abbandun u inġurji gravi da parti ta’ l-attur esponent.

3. Illi l-esponenti għamlet minn kollox sabiex issalva ż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet, pero’ l-attur kompla bl-abbandun tiegħu fil-konfront tal-konvenuta kif ukoll fil-konfront ta’ bintu.

4. Illi l-konvenuta ottjeniet id-divorzju fis-sena 2006 mill-Qorti ta’ Kiev.

5. Illi l-esponenti qed tipprevalixxi ruħha u mill-fakolta’ lilha mogħtija u tressaq din il-kontro-talba għat-talbiet ta’ l-attur skond il-liġi.

Għaldaqstant il-konvenuta rikonvenzjonata permezz ta’ din il-kontro-talba umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minħabba ħtija jew ħtijiet imputabbli lill-intimat billi huwa rrenda ruħu ħati fil-konfront tar-rikorrenti ta’ sevizzi, inġurji gravi, abbandun u adulterji, kif ukoll minħabba f’inkompatibbilta’ ta’ karattru u valuri.

2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent għaliha, u għat-tifla minuri C retta alimentarja f’dak l-ammont u taħt dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa

3. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti jiġu maqsuma f’żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimat, u dan okkorrendo, għall-finijiet ta’ din it-talba bl-opera ta’ periti nominandi u billi tiġi stabbilita data bħala d-data meta l-attur jiġi kkunsidrat li kien ħati tal-firda b’tali mod li l-attur jitlef kull jedd għal kull akkwist magħmul bil-ħila tal-konvenuta.

4. Tordna d-dekadenza ta’ l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsub fl-Artiklu 48 *et seq* tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni dotali u parafernali tagħha.

6. Tafda u tikkonferma lill-konvenuta assenti l-kura u l-kustodja ta’ binthom C.

7. Tapplika kontra żewġha interament jew *in parte* d-disposizzjoni ta' l-Artikli 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta l-attur fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum u ħin u post stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra A inġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-attur għall-kontro-talba, li permezz tagħha espona umilment u bil-ġurament ikkonferma:

1. Illi *in linea* preliminarja, kuratur deputat nominat mill-Qorti *ai termini* ta' l-Artiklu 929 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma għandux il-jedd li jintavola kontro-talba *ai termini* ta' l-Artiklu 396 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi *in linea* preliminarja wkoll, id-dokument li jikkontjeni r-risposta u kontro-talba hija skorretta *stante* li l-assenti m'hijiex _____ *(omissis)* iktar iżda _____ *(omissis)*, kif qed jiġi ndikat mill-assenti stess;

3. Illi l-eċċipjent jaqbel ma' l-ewwel talba, iżda minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta;

4. Illi l-eċċipjent jaqbel li din l-Onorabbli Qorti tiffissa retta alimentari pagabbli minnu esklussivament għal bintu minuri, iżda ma jaqbilx li għandu jiġi ordnat iħallas retta alimentari għall-konvenuta *stante* li hija ddekadiet mid-dritt li titlob tali benefiċċju għar-raġunijiet li ser jingħataw waqt is-smigħ tal-kawża;

5. Illi l-eċċipjent jaqbel mat-tielet talba;

6. Illi l-eċċipjent ma jaqbilx mar-raba', ħames, sitt u seba' talba *stante* li huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine*.

Rat l-Artikli 742 *et sequitur* tal-Kapitlu 12.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob fost affarijiet oħra l-kura u l-kustodja ta’ bintu minuri li bħalissa tinsab fl-Ukrajna ma’ ommha l-konvenuta. Il-konvenuti *nomine* qed jeċċepixxu li din il-Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma’ l-każ fir-rigward ta’ din it-talba.

Li ma kienx għall-fatt li ser jissemma iktar ’il quddiem din l-eċċezzjoni kienet tippreżenta diversi diffikultajiet legali li ġew spjegati b’mod speċjali fil-kawża fl-ismijiet Raymond Calleja vs Dottor Raymond Pace *nomine et* deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Jannar, 1996. Fost affarijiet oħra l-Qorti kienet qalet illi: “*Il-liġi trid illi tagħti ġurisdizzjoni lill-Qrati biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw iċ-ċittadini ta’ Malta trid tagħtihom protezzjoni sħiħa, huma fejn huma anke jekk m’humiex residenti f’Malta u anke jekk ma kinux konvenuti quddiemha sakemm il-mertu tal-kawża jirrigwarda lilhom u sakemm ikunu domiċiljati f’Malta.*” Din il-kawża għandha fatti speċje differenti għaliex fil-fehma tal-Qorti l-minuri llum hija domiċiljata l-Ukrajna ma’ ommha, u dan għaliex meta l-familja kollha ttrasferiet ruħha hemmhekk kien hemm il-ħsieb li jibqgħu hemmhekk u kien wara xi żmien li l-attur ġie lura Malta waħdu. Dan ma jistax ibiddel id-domiċilju ta’ martu b’dan il-mod, u konsegwentement lanqas tal-minuri. Fi kliem ieħor il-minuri ma ttieħditx minn Malta b’mod illegali u r-residenza abitwali tal-minuri li llum f’kawżi simili għandha importanza ikbar mid-domiċilju fis-sens li nifhmuh aħna hija appuntu l-Ukrajna. Hemmhekk kien

jieqaf il-każ li kieku l-pajjiż fejn tinsab il-minuri kien fl-Unjoni Ewropea skond il-konvenzjonijiet ta' Brussell fir-rigward.

Madankollu l-konvenuti *nomine* ppreżentaw kontro-talba li fiha qed jagħmlu l-istess talba, u allura fil-fehma tal-Qorti ma hemmx dubju li dan irradika l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti skond l-Artiklu 742(g) tal-Kapitlu 12 li jgħid li hemm ġurisdizzjoni f'kawżi li jirrigwardaw *kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti.* Ma hemmx dubju li min jintavola kontro-talba jkun qiegħed b'mod ċar jaqbel li joqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti anzi jkun qed jadixxi dik il-Qorti biex tisma' t-talbiet tiegħu.

**Għaldaqstant il-Qorti tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* u todna li l-kawża titkompla. L-ispejjeż ta' dan l-inċident a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------